

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1197**tat-3 ta' Lulju 2017**

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/340/UE dwar l-organizzazzjoni ta' esperiment temporanju skont id-Direttivi tal-Kunsill 66/401/KEE, 66/402/KEE, 2002/54/KE, 2002/55/KE u 2002/57/KE fir-rigward tal-ispezzjoni tal-għelieqi taħt superviżjoni uffiċjali għaż-żerriegħa bażika u ż-żerriegħa mrobbija ta' ġenerazzjonijiet li ġew qabel iż-żerriegħa bażika

(notifikata bid-dokument C(2017) 4442)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar it-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa ta' pjanti tal-għalf ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13a tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-marketing taż-żerriegħa tal-ġwież ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13a tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/54/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-bejgħ fis-suq ta' żerriegħa tal-pitravi ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-marketing ta' żrieragħ tal-ħxejjex ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 33 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/57/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-marketing taż-żerriegħa ta' pjanti taż-żejt u tal-fibra ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/340/UE ⁽⁶⁾ tistabbilixxi l-organizzazzjoni, sal-31 ta' Diċembru 2017 ta' esperiment temporanju li kwalunkwe Stat Membru jista' jipparteċipa fiha, u li tippermetti li wieħed jagħżel bejn spezzjonijiet uffiċjali tal-għelieqi u spezzjonijiet tal-għelieqi taħt superviżjoni uffiċjali għaż-żerriegħa bażika u ż-żerriegħa mrobbija ta' ġenerazzjonijiet li ġew qabel iż-żerriegħa bażika skont id-Direttivi tal-Kunsill 66/401/KEE, 66/402/KEE, 2002/54/KE, 2002/55/KE u 2002/57/KE.
- (2) Il-valutazzjoni dwar jekk l-għażla bejn l-ispezzjonijiet uffiċjali tal-għelieqi u l-ispezzjonijiet tal-għelieqi taħt superviżjoni uffiċjali tista' tikkostitwixxi alternattiva aħjar mir-rekwiżit tal-ispezzjonijiet uffiċjali tal-għelieqi għaż-żerriegħa bażika u għaż-żerriegħa mrobbija ta' ġenerazzjonijiet li ġew qabel iż-żerriegħa bażika, għadha ma ġietx iffinalizzata għax għad trid tinġabar aktar dejta biex jiġi ffinalizzat l-esperiment, b'mod partikolari fuq l-inqas livell ta' ttestjar tal-verifika uffiċjali. Għalhekk jeħtieġ jiġi estiż it-tul taż-żmien tal-esperiment temporanju.
- (3) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/340/UE, id-data "il-31 ta' Diċembru 2017" tinbidel bid-data "il-31 ta' Diċembru 2019".

⁽¹⁾ ĠU 125, 11.7.1966, p. 2298/66.

⁽²⁾ ĠU 125, 11.7.1966, p. 2309/66.

⁽³⁾ ĠUL 193, 20.7.2002, p. 12.

⁽⁴⁾ ĠUL 193, 20.7.2002, p. 33.

⁽⁵⁾ ĠUL 193, 20.7.2002, p. 74.

⁽⁶⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/340/UE dwar l-organizzazzjoni ta' esperiment temporanju skont id-Direttivi tal-Kunsill 66/401/KEE, 66/402/KEE, 2002/54/KE, 2002/55/KE u 2002/57/KE fir-rigward tal-ispezzjoni tal-għelieqi taħt superviżjoni uffiċjali għaż-żerriegħa bażika u ż-żerriegħa mrobbija ta' ġenerazzjonijiet li ġew qabel iż-żerriegħa bażika (ĠUL 166, 27.6.2012, p. 90).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Lulju 2017.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membre tal-Kummissjoni
